**Laqgha Numru 13/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti tat-Tlettax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar il-Hamis 9 ta' Ottubru 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-7.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet indisposta.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-3 ta' Ottubru 2008. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 12/K6/2008.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 12/K6/2008.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Rapport Finanzjarju Lulju – Settembru 2008**

**10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**11. Materji Ohra**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 12/K6/2008.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 12/K6/2008 kifipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 12/K6/2008.

**46/3689/08/I** 08/08/2008 — Kopja t'ittra li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali baghat lit-Taqsima Propjeta' tal-Gvern vis-à-vis it-talba tad-devoluzzjoni tal-Kunsill ghall-bini li prezentament qed jintuza bhala skola primarja.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2008 item 6.31 u ghall-korrispondenza numru **46/3689/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel laqgha pubblika fejn ir-residenti tal-lokal jigu nfurmati b'dan il-progett fejn jigu mistiedna ukoll il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u l-kelliemi ta' l-Oppozizzjoni u dan wara li tkun saret il-laqgha maghhom, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-laqgha ghad ma tistax tigi ffissata minhabba li l-Onor. Ministru Dolores Cristina ghadha ma' sabitx hin sabiex tiltaqa' mal-Kunsill ghalkemm bil-kitba nfurmat lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill ma gietx milqugha.

**46/3700/08/I** 08/08/2008 — Ittra minghand il-Konslu Onorarju ghar-Repubblika Ceka jinforma lill-Kunsill li l-lokal ta' Ceske Budojovice mhux interessat li ghalissa jkollhom relazzjoni ma' Pembroke f'Malta minhabba li diga ghandhom relazzjonijiet simili ma' 7 postijiet ohra ghalkemm lesti li jikkoperaw ma' skejjel u ghaqdiet sportivi mill-lokal.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2008 item 6.36 u ghall-korrispondenza numru **46/3700/08/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel kuntatt ma' l-ghaqdiet sportivi u skejjel tal-lokal rigward din ir-relazzjoni fil-livell maghhom, is-Sindku Joe Zammit qal li dan il-kuntatt kien ghadu ma sarx.

**46/4255/08/I** 15/09/2008 — Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinformaw lill-Kunsill li flus li ma jintefqux mill-Overseas Subsistence Allowance ghandhom jigu rifuzi lura kif ukoll li jsir rapport ta' l-infieq li jkun sar akkumpanjat minn ircevuti fiskali.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2008 item 6.113 u ghall-korrispondenza numru **46/4255/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ghandhom jaghmlu rapport ta' l-infieq li ghamlu kif ukoll jirritornaw lura flus li ma gewx minfuqa, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s'issa dan ir-rapport ghadu ma giex provdut.

2.04. Is-Sindku Joe Zammit heggeg lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat sabiex jiltaqghu flimkien mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat sabiex jikkonkludu dan ir-rapport minhabba li ghadda aktar zmien minn dak stipulat mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

**46/4075/08/I** 04/09/2008 — Kwotazzjoni minghand BDL ghall-provvista ta' kotba ghall-librerija tal-Kunsill.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2008 item 6.121 u ghall-korrispondenza numru **46/4075/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni kif ukoll li jixtri kotba ohra sa massimu ta' € 250.00 u wara jigi nfurmat il-BOV sabiex issir il-prezentazzjoni tad-donazzjoni kif imwieghed, il-kelliem ippropona li dawn il-kotba jinxtraw minghand il-kumpanija BDL u Merlin Library. **(Ara dokument A u B)**

2.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2008 item 11.08 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona biex dejjem jekk jippermettu l-finanzi isir pipe fil-culvert ta' quddiem Blokk 3 halli l-ilma li jinzel minn fuq ma jzommx fil-culvert imma jigri fil-pajpijiet bhal ma sar fil-blokk ta' fuq u aktar il-qudiem isir embellishment bhal ma' sar quddiem il-blokk ta' wara, is-Sindku Joe Zammit qal li fil-jiem li gejjien ser jiltaqa' mal-kuntrattur sabiex jurih x'hemm bzonn isir.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 62/2008** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-anzjani tal-lokal **(Ara dokument C); Internal Memo 63/2008** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 12/K6/2008 u 13/K6/2008 **(Ara dokument D); Internal Memo 64/2008** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Kap ta' l-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo **(Ara dokument E); Internal Memo 65/2008** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Onor. Evarist Bartolo **(Ara dokument F); Internal Memo 66/2008** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Avukat tal-Kunsill **(Ara dokument G); Internal Memo 67/2008** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Internal Audit and Investigation Directorate fi hdan l-OPM **(Ara dokument H); Internal Memo 68/2008** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 12/K6/2008 u 13/K6/2008 **(Ara dokument I) u Internal Memo 69/2008** b'rapport tal-laqgha li saret mad-direttorat ta' l-edukazzjoni. **(Ara dokument J)**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati. Il-kelliem qal ukoll li huwa kien attenda diversi laqghat fosthom dik li saret mal-MEUSAC.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn id-19 ta' Settembru u d-9 ta' Ottubru 2008 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/4289/08/I** 17/09/2008 — Minuti tal-laqgha tas-Sindki li saret bejn il-5 u 6 ta' Settembru 2008.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4289/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4303/08/I** 18/09/2008 — Kwotazzjoni minghand il-Kumpanija J&K Contractors Ltd. ta' €1,375 ghal tindif ta' gibjun f'San Patrizju.

**46/4523/08/I** 01/10/2008 — Kwotazzjoni minghand J & K Contractors ghal tindif u manutenzjoni ta' giebja li hemm f'San Patrizju ghall-prezz ta' € 1,795.00 inkluz l-uzu ta' makkinarju biex isir ix-xoghol.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4523/08/I u 47/4523/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta t-tieni kwotazzjoni ghall-prezz ta' € 1,795.00 kif ukoll li x-xoghol ghandu jsir kemm jista' jkun malajr minhabba x-xita.

6.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4304/08/I** 18/09/2008 Kwotazzjoni numru 07/2008 minghand Granny's Inn (Hostel) ghal akkomodazzjoni ghall-persuni li jzuru Malta.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4304/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4306/08/I** 18/09/2008 E-mail minghand il-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi u Ordni Pubblika fejn infurmaw lill-Kunsill li ser jittiehdu passi biex jitnehhew mit-toroq u postijiet pubblici oggetti abbandunati bhal karozzi li s-sidien taghhom m'humiex maghrufa.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4306/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4318/08/I** 18/09/2008 E-mail minghand il-Magister Academy fejn b'riferenza ghall-e-mail tal-Kunsill baghtu l-kwotazzjoni ghall-akkomodazzjoni ghall-grupp minn Roccalumera ta' 20 persuna ghall-gimgha bejn Jannar u Marzu 2009.

6.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4318/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4322/08/I** 19/09/2008 Kwotazzjoni minghand Pembroke Hardware Store ghall-kee klamps ghall-prezz ta' € 580.06.

6.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4322/08/I u 46/4298/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li x-xoghol ta' railing ta' San Patrizju ghandu jsir bil-hadid ghalhekk ippropona ukoll li jinxtara l-hadid minghand F. Cordina & Sons skond kwotazzjoni li kien ircieva l-Kunsill għall-prezz ta' € 220.00 u dan minhabba li b'hekk ser jigi hafna irhas. Il-kelliem qal li x-xoghol ta' welding ser isir mill-haddiem ta' l-IPSL kien kien diga kkonferma qabel. **(Ara dokument K u L)**

6.10. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fakkar li l-kwotazzjonijiet li kien gabar il-Kunsill sabiex isir minn persuni u kumpaniji privati kien gej jiswa madwar € 2,500.

**46/4328/08/I** 19/09/2008 E-mail minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill dwar zbir ta' sigra fi Triq Giuseppe Malfeggiani staqsiet jekk kienx hemm xi zvilupp.

6.13. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4328/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4331/08/I** 19/09/2008 E-mail minghand TCTC fejn baghtu kopja draft tac-certifikati li ser jitqassmu lit-tfal li attendew ghall-kors E-Tfal.

6.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4331/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4338/08/I** 19/09/2008 E-mail minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn b'riferenza ghall-ittri tal-Kunsill dwar tnehhija u irrangar ta' shades f'San Patrizju, infurmaw lill-Kunsill li ladarba l-Ing. Peresso jkollu l-works order f'idu, dan ikun jista' jirranga li ssir laqgha mal-Kunsill.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4338/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4356/08/I** 22/09/2008 Kwotazzjoni minghand Merlin Library Ltd. ghall-xiri ta' kotba ghall-librerija tal-Kunsill.

6.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4356/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4358/08/I** 22/09/2008 Ittra minghand is-Segretarju Parlamentari Chris Said fejn b'riferenza ghall-proposta biex issir il-konferenza ta' l-ECAD f'Malta nforma lill-Kunsill li l-Gvern m'ghandu l-ebda oggezzjoni sakemm din ma tkunx ta' piz fuq il-finanzi tal-Kunsill kif ukoll li rigward il-welcome dinner issuggerixxa li l-Kunsill jibghat it-talba tieghu lis-Segretarju Parlamentari Dr. Joe Cassar b'kopja lilu.

6.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4358/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kemm il-darba l-ECAD taccetta l-proposta tal-Kunsill, il-Kunsill ghandu jitlob l-ghajnuna ta' l-Onor. Dr. Joe Cassar sabiex jaghmel hosting tal-welcome dinner. Il-kelliem fakkar li fil-laqgha li kienet saret ma' l-Onor. Chris Said, l-Onor Said kien irrimarka li huwa kien ser jirrakkomanda li l-welcome dinner issir ghas-spejjez tal-Gvern.

6.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4360/08/I** 22/09/2008 **46/4440/08/I** 25/09/2008 Kopja ta' l-e-mail li rcieva s-Sindku Joe Zammit minghand is-Sur Dennis Darmanin fejn wera x-xewqa li jipproduci ktieb fuq Pembroke bl-isem 'Pembroke a British Military Town' u talab sponsor mill-Kunsill biex ikopri l-ispejjez sabiex isiru kopji ta' pjanti u ritratti minn libreriji pubblici.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4360/08/I u 46/4440/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mas-Sur Dennis Darmanin sabiex jesplora ahjar din il-proposta.

6.21. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4366/08/I** 22/09/2008 E-mail minghand Lithuanian AIDS Centre fejn infurmaw lill-Kunsill bil-5$^{th}$ European Conference li ser issir f'Vilnius bejn it-28 u 30 t'April 2009 dwar 'Clinical & Social Research on Aids & Drugs'.

6.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4366/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li decizjoni fuq din il-proposta ghalissa ghandha tibqa' pendenti.

**46/4369/08/I** 22/09/2008 Kwotazzjoni minghand Eagle K Wear ghall-uniformijiet ta' l-impjegati tal-Kunsill.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4369/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kwotazzjoni tigi accettata. Il-kelliem informa lill-Kunsill li jaf ikun hemm differenza fil-prezz minhabba l-qisien.

6.25. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill stampi ta' dak li kien qed jigi ordnat.

6.26. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta tas-Sindku Joe Zammit.

6.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4370/08/I** 22/09/2008 E-mail minghand Sea Bank Hotel fejn informaw lill-Kunsill li nhar it-28 ta' Settembru 2008 ser jorganizzaw tennis tournament bil-koperazzjoni ta' Pembroke Rackets Tennis Club biex jingabru fondi ghal Dar Niki Cassar bhala parti mill-YMCA fil-Belt.

6.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4370/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4378/08/I** 23/09/2008 Suggeriment minghand is-Sur Steve Compagno sabiex jinghata rikonoxximent lill-persuna li fi zmien l-inglizi kien jiehu hsieb it-thawwil ta' diversi sigar fil-lokal.

6.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4378/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-proposta ghandha tigi kkunsidrata f'Jum Pembroke 2009.

6.30. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4380/08/I** 23/09/2008 **46/4615/08/I** 06/10/2008 Ittra minghand is-Sur A. Camilleri fejn qed jitlob informazzjoni minghand il-Kunsill dwar jekk fil-lokal huwiex minnu li ser ikun hawn dar ghall-anzjani.

6.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4380/08/I u 46/4615/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li s'issa ma jidhirx li ser ikun hawn Dar ghall-Anzjani fil-lokal.

**46/4437/08/I** 25/09/2008 Memo 25/2008 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar policy gdida dwar siti miftuha.

6.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4437/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-MEPA jintalbu jiehdu l-passi mehtiega vis-à-vis is-siti li hemm fi Triq l-Imhallef William Harding minhabba l-fatt li wara d-diversi ittri li kiteb il-Kunsill s'issa ma' ttiehdet ebda azzjoni konkreta mis-sidien koncernati.

6.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4468/08/I** 29/08/2008 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinforma lill-Kunsill li rigward il-ftehim ta' hbiberija propost ma' Anning fic-Cina, minhabba li l-ispiza ser teccedi l-ammont stipulat fil-Procedura dwar gemellaggi, il-Kunsill m'ghandux jipprocedi b'din il-proposta ghal din is-sena.

6.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4468/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali b'kopja lill-Onor. Dr. Chris Said li l-Kunsill m'ghandux ikun imcahhad minn din l-opportunita' meta l-process kien diga nbeda qabel inharget il-procedura l-gdida kif ukoll jekk l-infieq ghal din l-opportunita' jingieb minn sponsor. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill ghandu jiddiskuti dan il-kaz ma' l-AKL minhabba l-fatt li huwa jhoss li dan huwa agir li jmur kontra u li johnoq l-awtonomija tal-Kunsill kif ukoll jista' jkun li jmur kontra l-Local Government Charters tal-Kunsill ta' l-Ewropa, Kunsill, li Malta taghmel parti minnu. Is-Sindku Joe Zammit qal li d-dikjarazzjoni tieghu ma' kienetx xi sfida izda gejja minn dak li qed ihoss huwa genwinament, fejn qal li ghandu jkun ta' riflessjoni ta' aktar gid fuq bazi kemm lokali kif ukoll nazzjonali.

6.37. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.38. Il-Kunsillier Lauro Fava staqsa lis-Sindku jekk jahsibx li dan il-ftehim ma' Anning fic-Cina huwiex ser jahdem fil-prattika li jirrizulta bi skambji konkreti bejn zghazagh mill-lokal ta' Pembroke.

6.39. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan kien l-ghan propju ta' Anning li jkun hemm skambju ta' zghazagh bil-possibilita' ukoll ta' progetti infrastrutturali li jibbenifika minnhom il-lokal fosthom bil-bini ta' post / gnien rikreattiv.

6.40. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li jistghu isiru attivitajiet ma' Anning bhal ma' saru ma' postijiet ohra fosthom Roccalumera.

6.41. Finalment il-Mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra.

6.42. Il-Mozzjoni ghaddiet.

**46/4477/08/I** 29/08/2008 Ittra minghand Soc. Cons. Taormina Etna a.r.l. fejn qed jistiednu lill-Kunsill sabiex jidhol f'assocjazzjoni li l-ghan taghha huwa li tipromovi l-ekonomija u patt socjali bejn diversi lokalitajiet.

6.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4477/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiehu parir legali dwar il-proposti li hemm fid-dokument propost.

6.44. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4500/08/I** 30/09/2008 Ittra minghand il-Kumitat Olimpiku Malti jinkoragixxi lill-Kunsilli Lokali sabiex jekk ghamlu attivitajiet sportivi fix-xhur li ghaddew, jidhlu fl-iskema MOC Local Council Sports Awards kif ukoll li kull meta jkun hemm attivita' sportiva ghandu jigi mistieden jattendi rapprezentant tal-KOM sabiex isir monitoring ta' l-attivitajiet li jkunu qed isiru.

6.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4500/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jippartecipa f'din l-inizjattiva.

6.47. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4532/08/I** 01/10/2008 Ittra minghand is-Sur J. Psaila jitlob li Triq Alamein tinghalaq ghat-traffiku waqt li jkunu hergin it-tfal ta' St. Michael School u dan bhal ma jsir f'postijiet ohra sabiex ma jkunx hemm periklu.

6.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4532/08/I**, wara diskussjoni li saret is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-Sur J. Psaila jigi nfurmat li minhabba restrizzjonijiet li hemm fosthom skejjel ohra fl-istess Triq, hinijiet ta' l-iskejjel li m'humiex l-istess, ir-rotta tal-karozzi tal-linja kif ukoll stabbiliment kummercjali, mhux possibbli li t-triq tinghalaq ghat-traffiku u ghalhekk il-Kunsill ser jirrakkomanda lil St. Michael's School sabiex issib hrug alternattiv fosthom mill-bieb ezistenti li l-iskola ghandha li jaghti direttament ghall-parking area jew li jinstab post alternattiv u dan sabiex ma jibqax ikun hemm il-kunfuzjoni li qed ikun hemm prezentament fejn il-genituri qed jokkupaw il-bankina kollha u ghalhekk kif johorgu t-tfal dawn qed jispiccaw direttament fit-triq. Il-kelliem ippropona ukoll li l-iskola ghandha tigi mfakkra li l-Kunsill fil-passat sahansitra installa U Bars quddiem il-bieb ta' l-iskola sabiex jitnehha ftit mill-periklu ta' meta johorgu t-tfal.

6.50. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.52. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab sabiex il-parking lines li hemm biswit St. Michael's School ghandhom jergghu jinzebghu.

**46/4535/08/I** 01/10/2008 Ittra minghand Sharon Balzan fejn qed tinforma lill-Kunsill li bhala WasteServ Promoter lesta li tippartecipa f'attivitajiet tal-Kunsill favur l-ambjent u r-riciklagg.

6.53. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4535/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4537/08/I** 01/10/2008 Ittra mighand il-Korporazzjoni Enemalta fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill li l-Korporazzjoni m'hijiex f'pozizzjoni li tiffinanzja dawl gdid fil-lokal minhabba li l-Kunsill qed jinghata fondi adegwati minghand il-Gvern Centrali ghal dan ix-xoghol.

6.54. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4537/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4538/08/I** 01/10/2008 Ittra minghand Stephanie Calleja fejn qed tikkummenta dwar il-klieb u l-qtates abbandunati fit-toroq fejn tghid li mhux minnu li dawn huma ta' theddid ghar-residenti kif ukoll qed tissuggerixxi li jsiru litter bins ghall-hmieg tal-klieb.

6.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4538/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.56. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrakkomanda li l-Kunsill javvicina lill-MTA – Sezzjoni Tindif tal-Bajjiet vis-à-vis il-provvista ta' litter bins.

**46/4543/08/I** 01/10/2008 Ittra minghand l-Onor. Robert Arrigo fejn qed jinforma lill-Kunsill li qed ikollu lmenti minghand sidien tal-coaches li hemm sigar kbar li qed jaghmlu hsara lill-vetturi meta jkunu vicin l-iskejjel u talab sabiex jinzabru.

6.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4543/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.58. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li azzjoni kienet diga ttiehdet u s-sigar li kien hemm gew mizbura mill-kuntrattur tal-Kunsill fil-jiem li ghaddew.

**46/4565/08/I** 02/10/2008 Ittra minghand l-Onor. Ministru Dolores Cristina fejn qed tinforma lill-Kunsill li t-talba ghad-devoluzzjoni tal-bini li qed jintuza bhala skola primarja ma tistax tintlaqa' minhabba li l-bini mhux ser jigi rilaxxat mid-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni ghax hemm htigijiet governattivi ohra.

6.59. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4565/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lill-Onor. Ministru Dolores Cristina li l-Kunsill xorta wahda ghadu qed jistenna li ssir il-laqgha kif ukoll li l-Kunsill jispera li l-bini li qed jintuza mill-iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo ghandu jibqa' jintuza mid-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni ghax jekk le l-Kunsill ser ikun minn ta' quddiem li joggezzjona bil-qawwa kollha apparti minn dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jistaqsi lill-Onor. Ministru sabiex din ta' l-ahhar tinforma lill-Kunsill xi pjanijiet hemm ghall-uzu ta' dan il-bini sabiex jispiccaw il-hafna diceriji li qed jinghadu fil-pubbliku.

6.60. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.61. Il-Mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava astjena kontra.

6.62. Il-Mozzjoni ghaddiet.

**46/4568/08/I** 02/10/2008 Kopja t'ittra li rcieva s-Sindku Joe Zammit personalment minghand id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvren Lokali jinforma lill-Kunsill li l-hlas ta' € 1,000 li sar lill-Luxol Sports Club ma setax isir u ghalhekk ser jitnaqqas mill-allokazzjoni finanzjarja li jmiss kif ukoll li jekk fil-futur tittiehed xi decizjoni simili d-Dipartiment ser jiehu passi skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Avviz Legali 22/2006 kontra kull min jivvota favur tali decizjoni.

6.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4568/08/I** is-Sindku Joe Zammit qal li l-kumment li kien qal u li saru riferenza ghalihom mid-Direttur ghall-Gvern Lokali kien qalhom fl-ispirtu tad-diskussjoni li kienet saret. Il-kelliem qal li d-Direttur naqas milli jaghmel riferenza ghall-ittri li baghat il-Kunsill ghall-ittri ta' Ms. Gemma Debono, izda baghat risposta ghall-ewwel ittra biss, liema ittra, zied jghid, b'kumbinazzjoni tasal l-ghada li sar il-pagament lill-Luxol Sport Club u wara l-kummenti li ghamel il-Kunsillier Lauro Fava fil-laqgha. Il-kelliem qal li dan m'huwiex accettabbli ghall-Kunsill izjed fid-dawl li r-risposta tad-Direttur waslet 6 gimghat wara. Il-kelliem qal li ma jistax jifhem kif il-Kunsill qed jigi mcahhad li jaghmel dan meta l-MTA nefqet flejjes kbar sabiex taghmel riklam fuq flokkijiet ta' klabb sportiv ingliz. Is-Sindku Joe Zammit qal li dak li ghamel il-Kunsill kien sar b'mottiv genwien kif ukoll li dak li sar mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali huwa biss nuqqas ta' hegga. Il-kelliem qal ukoll li kemm il-darba d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jasal li jnaqqas l-ammont ta' € 1,000 mill-allokazzjoni tal-Kunsill huwa, f'isem il-Kunsill lest li jiehu passi legali kontra l-istess Dipartiment. Il-kelliem qal ukoll li huwa kien ser jitlob lill-Luxol Sports Club sabiex jirrifondu l-flus lura, ghalkemm stqarr li ma jafx jekk din it-talba tigix accettata mill-istess klabb u dan minhabba li l-ispejjez kienu saru diga. Finalment il-kelliem irrakkomanda li l-Kunsill japprova dawn il-kummenti u eventwalment tinkiteb ittra bhala risposta.

6.64. Il-Kunsillier Lauro Fava ghalkemm qal li ghandu r-riservi tieghu, irrakkomanda li jekk ghandha tinkiteb ittra din ghandha tintbaghat lill-Onor. Dr. Chris Said.

6.65. Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Lauro Fava s-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kummenti tieghu jigu approvati sabiex eventwalment issir ittra lill-Onor. Dr. Chris Said u kopja taghha tintbaghat lid-Direttur Dipartiment ghall-Gvern Lokali, kif ukoll lill-AKL. Il-kelliem ippropona ukoll sabiex il-Kunsill jiehu l-parir ta' l-avukat dwar jekk jistax jiehu passi legali.

6.66. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.67. Il-Mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra.

6.68. Il-Mozzjoni ghaddiet.

**46/4572/08/I** 03/10/2008 Ittra minghand il-Familja Brincat li toqghod 2, Triq Mikiel Ang Grima kantuniera ma' Triq il-Mediterran tinforma lill-Kunsill li ma jaccettawx li lampa tad-dawl tehel mal-propjeta' taghhom.

**46/4567/08/I** 02/10/2008 Ittra minghand il-Familja li toqghod 19, Triq il-Mediterran tinforma lill-

Kunsill li ma jaccettawx li lampa tad-dawl tehel mal-propjeta' taghhom.

**46/4597/08/I** 03/10/2008 Ittra minghand il-Familja Grech li toqghod 54, Triq il-Mediterran tinforma lill-Kunsill li ma jaccettawx li lampa tad-dawl tehel mal-propjeta' taghhom.

**46/4584/08/I** 03/10/2008 Ittra minghand il-Familja Grima ta' 86, Triq il-Mediterran tinforma lill-Kunsill li ma jaccettawx li lampa tad-dawl tehel mal-propjeta' taghhom.

6.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4572/08/I, 464567/08/I, 46/4597/08/I u 46/4584/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lill-Onor. Ministru Austin Gatt u lill-Onor Dr. Chris Said sabiex jipprovdu aktar fondi lill-Kunsill sabiex ikun jista' isir dawl fi Triq il-Mediterran in-naha tal-bahar kif kien gie mwieghed snin ilu u dan fid-dawl li hafna mill-familji oggezzjonaw li jsiru lampi mad-djar taghhom. Il-kelliem ippropona li fl-istess waqt il-Kunsill ghandu jinforma lir-residenti li l-Kunsill ser ikompli jishaq fuq il-mozzjoni originali li d-dawl isir faccata tad-djar.

6.70. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.71. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.72. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kemm il-darba dan il-progett jirnexxi l-Kunsill ser ikollu problemi sabiex inehhi l-lampi ezistenti minn mad-djar tan-nies u dan minhabba l-fatt li jekk ser jitnehhew il-lampi ser issir hsara mal-faccati tad-djar.

6.73. Is-Sindku Joe Zammit qal li meta jasal iz-zmien jigi diskuss dak il-punt.

**46/4594/08/I** 03/10/2008 Ittra minghand l-AKL jitolbu nformazzjoni lill-Kunsill sabiex titpogga fuq web page li ser issir dwar il-Kunsilli Lokali Maltin.

6.74. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4594/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4581/08/I** 03/10/2008 Pjanti riveduti minghand is-Sezzjoni Marittima u Unit ghall-Kontroll ta' l-Ilma tax-Xita ghall-bini ta' culvert f'Pembroke.

6.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4581/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-Sezzjoni Marittima ghandha tigi nfurmata biz-zidiet li jixtieq il-Kunsill sabiex wara li dawn jigu emendati l-Kunsill ikun jista' jaghmel laqgha ghar-residenti koncernati u flimkien mas-sezzjoni jigu pprezentati l-pjanti tal-progett lir-residenti koncernati. **(Ara dokument M)**

6.76. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4588/08/I** 03/10/2008 Memo 28/2008 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Servizz mill-MEUSAC lill-Kunsilli Lokali fejn talbu li l-Kunsill japponta EU Contact Person.

6.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4588/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ikun rapprezentat mill-MEUSAC mis-Sindku Joe Zammit.

6.79. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.80. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4614/08/I** 06/10/2008 Ittra minghand il-Ministeru ghar-Rizorsi u ghall-Affarijiet Rurali dwar il-kampanja Clean Up The World 2008 li ser issir bejn it-23 u l-25 ta' Ottubru 2008.

6.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4614/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jippartecipa billi s-Sotto Kumitat ta' l-Ambjent javvicina residenti u jaghmlu tindif fl-akwati taghhom.

6.82. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.83. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4617/08/I** 06/10/2008 Ittra minghand is-Sur Cleaven Attard juri l-ghadab u d-dispjacir tieghu ghall-ittra li l-Kunsill baghat lir-residenti ta' Triq Salvatore Castaldi vis-à-vis il-culvert li sar.

6.84. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4617/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-Sur Cleaven Attard li qal li kien kandidat tal-Partit Nazzjonalista ghall-elezzjonijiet tal-Kunsill li ghaddew ghandu jigi nfurmat li huwa bhala Sindku kif ukoll il-Kunsill qatt ma prova jiehu vantagg politiku minn xoghol li ghamel il-Gvern Centrali apparti l-fatt li l-istess resident ghandu jkun infurmat li huwa minnu li x-xoghol sar fuq insistenza tal-Kunsill ghax li kieku dan ix-xoghol ghadu jkarkar.

6.85. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.86. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra.

6.87. Il-mozzjoni ghaddiet.

6.88. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li kien ivvota kontra ghax xtaq jara r-risposta ta' l-ittra qabel din tintbaghat.

6.89. Is-Sindku Joe Zammit fakkar lill-Kunsillier Lauro Fava li d-decizjoni kienet qed tittiehed fuq principju u mhux fuq id-dettalji u l-kontenut ta' l-ittra.

**46/4669/08/I** 08/10/2008 Ittra minghand il-Kunsill ta' Roccalumera fejn b'riferenza ghaz-zjara li jixtiequ jaghmlu nformat lill-Kunsill li hemm il-hsieb li jigu zewg gruppi ta' 50 persuna kull grupp f'Marzu 2009 u talbet x'informazzjoni.

6.90. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4669/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex jawtorizza li jsir hlas sabiex il-Kunsill ikun jista' jospita lil dawn l-istudenti u dan fid-dawl li din il-mawra ilha tigi diskussa xhur shah. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill jikkomunika ma' Liceo Sir Adrian Dingli vis-à-vis it-talbiet tat-taljani.

6.91. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.92. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kellux kummenti ghajr li fil-jiem li gejjien ser issir laqgha tan-NHDJC.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-jiem li ghaddew bdew korsijiet ta' Learn IT u eventwalment ser jibdew dawk ta' l-ECDL Start fil-Kunsill. Il-kelliem qal li fil-laqgha li jmiss ser jigu diskussa l-attivitajiet ghal zmien il-Milied.

## 09. Rapport Finanzjarju Luju – Settembru 2008.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona r-rapport finanzjarju ghall-perjodu Lulju – Settembru 2008 kif ipprezentat. **(Ara dokument N)**

9.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument O, P u Q)**

10.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg.

10.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.04. Il-Mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota favur izda astjena mill-approvazzjonijiet tal-kontijiet tas-Sur Shawn Farrugia, tas-Sur Anthony Mifsud u ta' Pembroke Athelta FC vis-à-vis l-iskola tal-football tal-Kunsill.

10.05. Il-Kontijiet gew approvati.

## 11. Materji ohra.

11.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jinxtraw 5 U Bars sabiex jitwahhlu fir-rilwa li hemm Triq Burma minhabba periklu li qed ikun hemm fejn it-tfal qed jistennew it-trasport lejn l-iskola.

11.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet talbet sabiex titnehha parking bay li hemm fit-tarf ta' Triq Dun Amabile Sisner minhabba l-problema ta' l-gharghar tax-xita.

11.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghandha taghmel it-talba taghha bhala resident lill-ADT u dan minhabba li skond il-Kunsill m'hemmx bizzejjed gustifikazzjoni ghal din it-talba.

11.06. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li jinxtraw 10 Council Crests u 100 lapel pin ghal uzu tal-Kunsill.

11.07. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

11.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li xi hadd mhux magħruf fil-lejl ta' bejn is-Sibt 4 u l-Hadd 5 ta' Ottubru 2008 nehha u seraq ir-road hump tal-lasktu li kien hemm biswit il-kamra tad-dawl fi Triq il-Mediterran.

11.10. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li din ir-raod hump ghandha terga' ssir u din id-darba ssir bit-tarmak.

11.11. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

11.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li Diary Leather Jackets ghall-membri tal-Kunsill inkluz l-impjegati, li fuqhom ikun hemm inciz l-ismijiet rispettivi nkluz il-logo tal-Kunsill, li jigu printjati desk calendars u kartolini tal-Milied bil-firem tal-Kunsilliera fuqhom u dan sabiex jitqassmu f'kull dar fil-lokal.

11.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.16. Il-Kunsillier Joe Brincat informa lill-Kunsill li l-kaxxi tad-dawl li kien hemm f'San Patrizju bdew jitnehhew u l-process ghandu jitlesta fil-jiem li gejjien. Il-kelliem qal ukoll li l-kaxxi tal-plastik tad-dawl li hemm ma' l-art fit-toroq, qed jinkisru u huma perikoluzi u talab li jinbidlu.

11.17. Rigward il-kaxxi ta' ma' l-art is-Sindku Joe Zammit qal li dawn ghandhom jimtlew bir-ramel sabiex jitnehha l-periklu li hemm u fil-wicc isir ftit konkos.

11.18. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li fi Triq Suffolk jitwahhlu tabelli sabiex jinfurmaw lir-residenti sabiex ma jhallux klieb ihamgu fuq il-bankina.

11.19. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.21. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-Kunsill jipprovdi open skip lil numru ta' residenti f'San Patrizju li ser inaddfu l-akwati taghhom.

11.22. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.24. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-investigazzjoni li qed issir mill-Internal Audit & Investigation Directorate fi hdan il-Ministeru ghall-Finanzi fejn dawn ser jirrapurtaw direttament lill-OPM fejn ippropona li l-kuntatti kollha ezistenti ma' Pembroke Athleta vis-à-vis l-immanigjar ta' l-iskejjel sportivi tal-Kunsill ghandu jigi mwaqqaf immedjatament u dan sakemm jintemm dan il-process u l-Kunsill ikun jaf l-ezitu tieghu u dan sabiex jekk il-Kunsill b'xi mod genwinament qed jaghmel xi zball, dan jieqaf u ma jitkompliex u l-Kunsill ikun jista' jirranga l-pozizzjoni tieghu. Il-kelliem ippropona li dan ghandu jinkludi ukoll il-ftehim li kien hemm propost ma' Liceo Sir Adrian Dingli. Il-kelliem finalment ippropona li Pembroke Athleta FC u Pembroke Athleta Athletics ghandhom jigu nfurmati b'dan immedjatament.

11.25. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.27. Il-Kunsillier Lauro Fava rrimarka li certi kummenti li saru qabel fil-laqgha ghandhom jieqfu ghax kien qed jatribwxiihom li qed isiru ghalih.

11.28. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-kummenti li ghamel aktar kmieni fil-laqgha ma kienux diretti lejn il-Kunsillier Lauro Fava.

11.29. Il-Kunsillier Lauro Fava staqsa kemm huwa possibbli li litter bins miksura fi Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta jigu mibdula kif ukoll li tigi nstallata sistema ta' CCTV.

11.30. Is-Sindku Joe Zammit qal li dawn il-proposti kienu parti mix-xoghlijiet li l-Kunsill ser jaghmel fil-gnien bil-fondi tal-MEPA ta' l-UIF. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv

Kevin Borg sabiex jitlob lill-Perit Kevin Fsadni sabiex jibghat reminder lill-MEPA vis-à-vis ir-railing.

11.31. Il-Kunsillier Lauro Fava xtaq ikun jaf jekk is-Segretarju Ezekuttiv kienx qed jipprepara r-rapport vis-à-vis l-iskrivana Kirsty Rizzo kif kien gie deciz mill-Kunsill.

11.32. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa kien ta struzzjonijiet lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex gheluq is-6 xhur prova jaghmel rapport finali fuq Ms. Kirsty Rizzo inkluz ir-rakkomandazzjonijiet tieghu sabiex finalment ikun il-Kunsill jekk japprovax li din tkompli tahdem mal-Kunsill jew le u dan skond il-ligi tax-xoghol li taghti minimu ta' 6 xhur prova.

11.33. Qabel intemmet il-laqgha il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab lis-Sindku Joe Zammit sabiex jaghmel dikjarazzjoni liema dikjarazzjoni kienet tghid. ***"Nirreferi ghall-kummenti li saru bejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg xi jiem ilu matul weekend u wara l-laqgha ma' l-anzjani, Niddikjara li ghalkemm dak li ntqal fil-konfront ta' bejnietna intqal lili minn terza persuna jekk din il-persuna mhiex se taccetta li tigi tghid dak li ntqal lili quddiem il-Kunsill allura jiena nirtira dak kollu li ntqal"*** **(Ara dokument R)*.***

11.34. Il-laqgha ntemmet fl-10.30pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 22 ta' Ottubru 2008 fis-7.00 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |